Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 448/2012AE

**Khalil Jamel Jamel**

**Vs**

**B & B Construction Limited**

7 ta' Ottubru, 2016.

Permezz ta' rikors prezentat fis-7 ta' Mejju, 2012, l-attur ippremetta u talab:-

*1. Illi l-attur gie mpjegat mal-kumpannija intimata B&B Construction Limited fuq bazi full-time bhala labourer ossia welder;*

*2. Illi fil-hmistax (15) ta' Ottubru 2011 fil-kors tal-impjieg tieghu mas-socjeta' intimata u fuq il-post tax-xoghol, l-attur korra waqt illi kien qed jopera magna li timmanifattura pre-stressed concrete beams provduta mill-istess kumpannija intimata, f'liema incident l-attur tilef il-kappell ta' subghajh ta' idu l-leminija;*

*3. Illi konsegwenza tal-imsemmi incident l-attur qed isofri minn dizabilita' ta' natura permanenti;*

*4. Illi l-imsemmi incident sehh unikament tort u htija tal-kumpannija intimata minhabba nuqqas da parti taghha li taghmel manutenzjoni regolari u/jew idonea fuq l-apparat li kien jinstab fuq il-post tax-xoghol, kif ukoll minhabba nuqqas ta' diligenza, prudenza u hsieb u ukoll minhabba li naqset li tipprovdi lill-attur b'post tax-xoghol hieles minn sogru u minn perikoli ohra u dana kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*5. Illi l-kumpannija intimata interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni kawzati minnha baqghet inadempjenti;*

*6. Illi l-attur jiddikjara li jaf b'dawn il-fatti personalment;*

Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara li ghall-incident, li sehh fil-hmistax (15) ta' Ottubru, 2011, fuq il-post tax-xoghol tal-attur, fejn l-attur sofra disabilita' ta' natura permanenti, hija responsabbli unikament il-kumpannija intimata;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opra ta' Periti nominandi;*

*3. Tikkundanna lill-istess kumpannija intimata thallas lill-attur id-danni hekk likwidati;*

*Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittri interpellatorja datata 4 ta' Dicembru 2011 u tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Marzu 2012 u bl-imghaxijiet kontra l-kumpannija intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;*

Permezz ta' twegiba prezentata fl-20 ta' Lulju, 2012, il-kumpannija intimata wiegbet:-

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-kumpannija intimata ma tahti bl-ebda mod ghall-incident in kwistjoni u lanqas ma naqset fil-konfront tal-attur;*

*2. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju, mhux minnu li l-kumpannija intimata naqset milli taghmel manutenzjoni fuq l-apparat fil-post tax-xoghol, u lanqas li naqset milli tipprovdi lill-attur b'post tax-xoghol hieles minn sogru u perikli ohra skond il-ligi;*

*3. Illi konsegwentement il-kumpannija intimata ma hija responsabbli ghal ebda danni li seta' sofra l-attur;*

## Kwistjoni.

L-attur kien impjegat mas-socjeta konvenuta. Fil-15 ta' Ottubru 2011 sehh incident fil-post tax-xoghol waqt li l-attur kien qed juza magna li tintuza fil-manifattura ta' *pre-stressed concrete beams* (ara ritratti mehmuza mar-rapport a fol. 351 *et seq*) Fl-incident l-attur tilef il-kappell ta' subghajh f'idu tal-lemin meta dahhal subghajh . L-attur harrek lill-principal ghad-danni li sofra.

## Konsiderazzjoni.

1. L-attur wegga' fuq *Hydraulic Unit for Prestressed Strands*. Magna li kienet manifatturata fis-sena 2006. Jirrizulta li l-magna fiha *main* swicc (ritratt 1 a fol. 351), kif ukoll emergency swicc fuq il-gun (ritratt 2 a fol. 351). Fin-naha ta' gewwa tal-gun ikun hemm il-*pressure* minhabba li fiha sistema ta' *hydraulic*. Skond il-perit tekniku, l-inginier Victor Bonello:

> *"Ladarba taqla' l-jack screw eliminajt kull kuntatt bejn pressa u bubina. Dan l-ezercizzju jiena ghamiltu kemm-il darba waqt l-access halli nkun cert, u hekk gara, ma kienx hemm moviment min-naha tal-bubina. Li jitnehha l-jack screw huwa parti mill-process biex titnehha l-bubina. Niddeskriviha bhala importantissima. Jekk thalli l-jack screw f'postha jaf ikollok iva moviment mill-bubina. L-istess jigri jekk inti ma nehhejtx l-jack screw, titfi l-magna u ddahhal subghajk fil-bubina, u dan ghaliex hemm gew, gol-gun, ghandek pressa enormi. Il-moviment zghir ikun, imma xorta twegga' minhabba l-pressa qawwija.*
>
> *Mistoqsi mill-Qorti jekk hux bizzejjed li nitfi l-magna u nnehhi l-plug tal-elettriku minn mal-hajt biex inkun nista' nbiddel il-bubina, nghid li le, mhux bizzejjed. Hemm bzonn jintehha l-jack screw. Dan elimentarju"* (fol. 431).

2. Mill-provi rrizulta li:

   i. Il-magna kellha *emergency* swicc difettuz. F'rapport imhejji minn Charles Micallef, ufficjal mal-Awtorita Sahha u Sigurta fuq il-post tax-xoghol, jinghad li waqt spezzjoni li saret fil-25 ta' Novembru 2011, *"... gie nnutat li l-cut off switch fuq il-hydraulic ma jahdimx."* (fol. 94). Fil-fatt sussegwentement, l-inginier Bartolo hareg certifikat datat 25 ta' Novembru 2011 (fol. 92) fejn ikkonferma li *"The faulty emergency switch was identified and replaced."*

   ii. L-attur kien jaghmel uzu mill-magna li wegga' fuqha (ara deposizzjoni ta' Silvio Mifsud[1]). L-istess xhud qal ukoll li dakinhar tal-incident kien is-

---

[1] *"Biex ihaddmu l-magna, ghaliex mhux kulhadd jista' jhaddimha, kien hemm jew Jimmy jew wiehed jismu Osman. Dana qed nghid li ftit jistghu jhaddmu l-magna minhabba 'l fatt li trid tkun taf kif thaddimha minhabba li jekk tistira z-zejjed huwa hazin ukoll. Ghandi nghid illi, fil-fatt, Jimmy jaf ihaddimha ghax ma kienx l-ewwel darba li haddimha ghax kien diversi drani li haddimha"* (fol. 80). Iktar 'il quddiem qal: *"Ghandi nghid illi, fil-fatt, Jimmy jaf ihaddimha ghax ma kienx l-ewwel darba li*

Sibt, u fil-fabbrika ma kienx hemm *electrician*. Inoltre certu Neville Cauchi kien jaghmel xi xoghol fuq il-magna, pero' dakinhar ma kienx xoghol (fol. 79).

3. Saret dikjarazzjoni minn Hussein Osman Abdalla (fol. 60), li dakinhar tal-incident kien qieghed jahdem fuq il-magna li wegga' fuqha l-attur. Pero' mill-istess dokument ma jirrizultax li d-dikjarazzjoni giet konfermata bil-gurament. Hu minnu li fil-kors tas-smiegh tal-provi l-konvenuta ma talbitx ghall-isfilz tad-dokument u sahansitra waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2015 id-difensur tieghu ddikjara li kien fadal isir kontro-ezami ta' dak ix-xhud. Minkejja dawn ic-cirkostanzi, id-dikjarazzjoni ta' Abdalla ma saritx prova ammissibbli skont il-ligi. Affidavit irid jigi kkonfermat bil-gurament mill-persuna li taghmlu, haga li ma jirrizultax li saret fil-kaz ta' Hussein Osman Abdalla. Fic-cirkostanzi d-dikjarazzjoni li ghamel m'hiijex prova.

4. Ghal dak li jirrigwarda l-incident li fih wegga' l-attur, il-qorti ghandha zewg verzjonijiet konfliggenti:

   i. **L-attur fl-affidavit** (fol. 52) xehed:

   - Qabel l-incident certu Hussein Osmana AbdAlla kien qieghed jahdem bil-magna.
   - F'hin minnhom il-magna waqfet u Etienne Bartolo, direttur tas-socjeta konvenuta, qallu biex imur jiccekja x'kienet il-hsara. Skond l-attur, Bartolo kien dejjem jinkarigah biex jiccekja l-magna.
   - Gharraf lil Bartolo li l-magna ma kellhiex safety cover. Madankollu l-imghallem qallu li ma kinitx problema u staqsieh jekk kienx sar jaf x'inhi l-hsara. L-attur wiegeb li haseb li kien hemm bzonn jinbidlu l-clamps. L-imghallem ordnalu biex jaghmel it-tiswija. Ghalhekk tefa' l-magna u beda jcaqqlaq il-clamps mill-fetha li hemm fil-gun. Min-naha tieghu Hussein, *"started removing the nut indicated as number (3) to allow me to move the faulty clamps and get them out."*
   - F'hin minnhom kien hemm moviment minn gewwa l-gun, u kisritlu subghajh u qactitlu parti minnu. Il-moviment minn gewwa l-gun sar minghajr hadd m'ghamel xejn.

   ii. **L-attur in kontro-ezami** (seduta tal-5 ta' Novembru 2014) xehed:

   - Mas-socjeta konvenuta kien jahdem bhala welder u labourer.
   - Dakinhar li sehh l-incident kienu tlieta min-nies, hu, Osman u ragel iehor.

---

*haddimha ghax kien diversi drabi li haddimha."* (fol. 81). Meta x-xhud qal Jimmy kien qieghed jirreferi ghall-attur.

- Il-magna kienet qeghda tintuza minn Osman biex jistira l-wire. F'hin minnhom nizel Etienne sabiex jivverifika jekk it-tfassil kienx qieghed isir sew.
- F'hin minnhom Osman qal li l-magna ma kinitx qeghda tahdem sew. Etienne qallu biex imur jivverifika x'kien gara, u wara mar lura u qal lil Etienne li hemm bzonn li tinbidel il-bubina. Etienne kellu jmur igib wahda gdida mill-ufficcju u qallu biex jaqla' l-bubina.
- Tefa' s-swicc l-ahmar u dahhal subghajh. Bilfors kellu jaghmel hekk biex tinbidel il-bubina. Meta sehh l-incident Etienne kien ghadu ma gabx il-bubina l-gdida.
- Fil-magna hemm swicc ahdar u ahmar; *"Ahna l-ewwel tfejna s-swicc l-ahdar imbaghad ghafasna s-swicc ahmar."*
- Fil-hin tal-incident ma kienx hemm kurrent fil-magna.
- Kemm-il darba biddel il-bubina fil-presenza ta' Etienne.
- Il-magna hi antika u skaduta.

iii. **L-inginier Etienne Bartolo**, general manager tas-socjeta attrici, xehed in ezami (fol. 144):

- Lill-attur qatt ma nkarigawh jaghmel xoghol ta' manutenzjoni fuq magni.
- Cempillu Silvio Mifsud u staqsieh jekk setax ighid lill-attur biex ighinhom fil-manifattura tal-pedal.
- F'xi hin wara nofsinhar nizel il-fabbrika. Waqt li kien hemm kien sejjahlu Silvio Mifsud u qallu li l-attur kien wegga'.
- Sabiex tinbidel il-bubina kull m'ghandek bzonn hu tornavit u *allen screwdriver*.
- Jidher li l-incident sehh ghaliex xi hadd laqat is-swicc u b'hekk harag il-piston u laqat wiehed mis-swaba tal-konvenut.
- Sa fejn jaf hu qatt ma nkariga lill-attur biex ibiddel il-bubina, *"Imma ma neskludix li jkun diga' ghamlu. Jien gieli ghamiltu dal-process u seta' kien li kien hdejja jassistni u seta' rani imma qatt ma ghidtlu biex jaghmel dan it-tip ta' xoghol."*
- L-attur wegga' ghaliex dahhal subghajh fit-toqba markata 'A' fir-ritratt a fol. 58.
- Kien hemm bzonn li l-bubina tinbidel.
- Wara l-incident ittestjaw l-emergency switch u hadem.
- Dakinhar tal-incident il-gun ma kellha l-ebda difett.
- Wara l-incident ittestjaw l-emergency swicc u hadem.

iv. **L-inginier Bartolo xehed** (fol. 161 u 367):

- L-attur gieli haddem il-gun u urewh kif juzaha. Pero' qatt m'urewh kif taghmel xoghol ta' manutenzjoni fuqha.

- Mhux kulhadd juza l-gun.
- Ma jidhirlux li qatt urieh kif ibiddel bubina, ghalkemm ma jeskludix li xi darba l-attur kien prezenti waqt li x-xhud kien qieghed ibiddel il-bubina.
- Fil-gurnata meta sehh l-incident Neville Cauchi ma kienx xoghol.
- Ma kienx hu li qal lill-attur biex ibiddel il-bubina. Hu lanqas ma kienx fil-post fejn kien qieghed jahdem l-attur.
- Ma kienx jaf li dakinhar il-magna ma kinitx qeghda tigbed sew l-azzar.
- Dakinhar li sehh l-incident kien hemm bzonn li tinbidel il-bubina ghaliex waqt li kienet qeghda tintuza l-magna, il-wire beda jizloq.
- Kien hemm problema fl-*emergency* swicc. Kieku l-iswicc kien qieghed jahdem ma kienx ikun possibbli ghall-persuna li taghfsu u l-incident ma jsehhx. Zied ighid: *"Wara l-incident ghamilna verifiki jekk kinux qed jahdmu l-parts fuq il-magna bhala emergency switch, u dan ma kienx dakinhar tal-incident."* (fol. 165).
- Il-bubina kienet tinbidel minn Neville Cauchi, u fl-assenza tieghu minn certu Jason Bugeja. Persuna li ma ssemmitx meta Bartolo xehed l-ewwel darba.

F'rapport li baghad lill-ufficcju tas-Sahha u Sigurta fuq il-post tax-xoghol, kiteb: *"The employee whilst trying to carry out **unauthorized maintenance** on the wire stressing equipment, inadvertently operated the same whilst his finger was positioned inside the machine piston."* (fol. 84).

5. Dan l-incident, bhal hafna ohrajn fil-post tax-xoghol, sehh bla bzonn. Il-qorti tosserva li:

i. Hu evidenti li l-incident sehh meta l-attur dahhal subghajh fit-toqba markata bl-ittra "A" fir-ritratt a fol. 58 (ara wkoll deposizzjoni ta' Charles Micallef mill-ufficcju tas-Sahha u Sigurta fuq il-post tax-xoghol, fol. 73);

ii. Fil-manwal tal-magna hemm dettalji dwar kif tinbidel l-jaw[2]. Hemm twissija, ***"Be very <u>careful</u> you do not put your fingers inside the slot during this operation."*** (fol. 406);

iii. Ma jirrizultax li qabel pogga subghajh fit-toqba l-attur kien nehha l-pressure li kien hemm fil-jack. Fil-manwal tal-magna jinghad: ***"Ensure pressure in the jack has been released."*** L-attur xehed, *"... I started to remove the clamps from the opening as is indicated on the photo with number (2), Hussein started removing the nut indicated as*

[2] Il-perit tekniku xehed: *"B'riferenza ghal dak li jinghad fil-manual pagna hamsa u tletin (35) fil-process tal-Qorti fol. 406, dik hija l-bubina. F'din il-pagna hemm 'Ensure pressure of the jack has been released', dan biex inti tibdel il-buina. Meta tfejna l-magna rajna li ma kienx hemm moviment, imma s-security titlob li taghmel l-unscrewing tal-jack screw. Hekk ighidlek il-manual."* (fol. 432).

*number (3) to allow me to move the faulty clamps and get them out. During this operation, the machine moved suddenly without any interference from anybody."* (fol. 53). Il-perit tekniku xehed li l-*jack screw* kellu jinhall; *"Ladarba taqla' l-jack screw, eliminajt kull kuntatt bejn pressa u bubina."* (fol. 431);

iv. L-attur naqas milli jnehhi l-wire tal-elettriku tal-magna. Fir-rapport tal-perit tekniku jinghad: *"Nikkonferma, kif muri fir-ritratti numri 3,4 u 5, li bejn il-magna u l-gun, hemm wire li jidher abjad, li bhala mizura ta' sigurta, **ghandu jigi disconnected**."*(fol. 347);

v. Dakinhar tal-incident l-*emergency* swicc ma kienx jahdem[3];

vi. M'huwiex bizzejjed li wiehed jitfi l-**main** swicc u l-*emergency* swicc. Kif jinghad fir-rapport tal-perit tekniku, *"…. Il-**back jack screw**, kif muri f'ritratt numru 11, li huwa ddizinjat biex jinhall bl-idejn, **iservi biex jevita xi moviment tal-plunger waqt dan il-process. Dan iservi biex jaqta' kull kuntatt bejn il-plunger li jmexxi l-bubina u l-piston tal-hydraulic.**"* (fol. 347). Il-perit tekniku zied li fil-magna hemm *"zewg valves fuq il-pajpijiet tal-hydraulic bejn il-magna u l-gun, u li wkoll ghandhom jigu maghluqa."* (fol. 348)[4].

M'huwiex kontestat li l-attur ma nghatax tahrig ghal dak li jirrigwarda s-*safety features* u perikli tal-magna. L-agir tal-attur hu fih innifsu konferma ta' tali fatt meta dahhal subghajh f'post fejn mhux suppost. Il-manwal tal-magna jipprovdi:

*"Do not allow the machine to be used by workers who are not familiar with the statements and procedures included in the **operating instructions**."* (fol. 373).

*"It is prohibited to allow the machine to be operated by unauthorised staff who have not been adequately trained in its operation and are not familiar with safety measures."* (fol. 382).

F'kapitlu 5 tal-manwal hemm sezzjoni ntestata *5.3 Operating the machine – 5.3.4 Replacement of the jaw* (fol. 375).

6. Hu ovvju li min bhall-attur kien ihaddem il-magna, kellu jinghata tahrig mill-principal mhux biss kif ihaddem il-magna izda wkoll dwar *safety features* elementari u perikli taghha. Dan apparti li kull principal ghandu d-dmir jizgura li l-magni li l-haddiema jahdmu fuqhom ikollhom is-*safety features* li jiffunzjonaw kollha. Min-naha l-ohra l-impjegat m'ghandux jinnavika f'makkinarju, fejn ma jkunx inghata t-tahrig. F'dan il-kaz il-qorti m'hijiex sodisfatta li hemm provi li kien Etienne Bartolo li ordna lill-attur biex jibdel il-bubina. Ghalhekk ifisser li l-attur ha l-inizjattiva biex jara x'kien gralu l-*jack* u pogga lilu nnifsu f'periklu gialadarba ma kienx inghata tahrig. Il-qorti lanqas

[3] Charles Micallef xehed: *"Jigifieri meta gara l-accident, dan il-cut off switch ma kienx qieghed jahdem."* (fol. 73).

[4] Ara r-ritratti afol. 352 u 353.

mhi konvinta li kien hemm drabi ohra meta l-attur gie ordnat biex ibiddel l-part.

7. Il-qorti tikkonkludi li:-

i. Il-principal hu responsabbli in kwantu kellu jiehu hsieb li l-attur, bhala wiehed mill-persuni li kien jopera din il-magna, jinghata tahrig bil-mod li jghid il-manwal tal-magna. Kif spjega l-perit tekniku waqt li tkun qeghda tintuza, fil-gun tinbena pressjoni qawwija (fol. 431). Din il-magna hi ghodda perikoluza u ghalhekk kien essenzjali li l-impjegati li juzawha jinghataw tahrig adegwat dwarha. M'huwiex bizzejjed ghall-principal li jargumenta li qatt ma ta ordni lill-impjegat biex jibdel il-bubina. L-attur kien wiehed mill-persuni li fil-fabbrika kien ihaddem il-magna, u allura bhala tali kellu jinghata tahrig. Tahrig li kellu jinkludi nformazzjoni li ma kienx bizzejjed li titfi s-swicc tal-magna. Kien dan in-nuqqas ta' tahrig li wassal lill-attur biex jaghmel xi haga li qatt ma kellu jaghmel. Inoltre, irrispettivament jekk id-difett fl-*emergency switch* kellux x'jaqsam mal-incident, dakinhar il-magna ma messhiex kienet qeghda tintuza. Hu obbligu ta' kull principal li jizgura li qabel jintuza makkinarju minn impjegat, is-*safety features* kollha jkunu jahdmu. Il-qorti tqies ukoll li nuqqas iehor tal-konvenuta kien li meta kienet qeghda tintuza l-magna li fuqha wegga' l-attur, ma kienx hemm supervizjoni. Fis-sentenza **Anthony Vidal et vs Neil Macklin et nomine** (30 ta' Ottubru, 2015), il-Qorti tal-Appell qalet:

> *"Supervizjoni ma tfissirx biss li taghti l-istruzzjonijiet lill-haddiema ta' kif ghandu jsir ix-xoghol, jew li tassigura li x-xoghol ikun qed isir tajjeb,* ***izda tifisser wkoll li tassigura li hadd mill-haddiema ma jithalla jaghmel xi gest inkonsult b'mod li jpoggi f'riskju l-inkolumita` tieghu****. Din il-Qorti tirribadixxi li min ihaddem ghandu jipprovdi sorveljanza adegwata biex l-ambjent tax-xoghol jinzamm dejjem u, kemm ic-cirkostanzi jippermettu, safe, b'mod li dak l-ambjent bl-ebda mod m'ghandu jkun konducenti, anke potenzjalment ghal incidenti.* ***Sorveljanza adegwata tinkludi dik li tipprovdi ghal certu nuqqasijiet tal-haddiema li ta' sikwit ikollhom tendenza minhabba familjarita` zejda max-xoghol li jittraskuraw riskji inerenti fix-xoghol taghhom****". [App.S. Joseph Cini vs George Wells, deciz 15 Novembru2004; App.S 3 Joseph Caruana vs Philip Chircop, deciza 24 April 2015]."*[5]

ii. Il-magna tintuza biex jingibed l-azzar. Fil-gun jingemgha kwantita kbira ta' pressjoni li jippermetti li jingibed l-azzar. L-attur ghandu parti mill-htija ghal dak li gara, meta pprova jaghmel xi haga li ma kellux tahrig

[5] *"Min ihaddem ghandu jipprovdi sorveljanza adegwata biex l-ambjent tax-xoghol jinzamm dejjem u kemm ic-cirkostanzi jippermettu, safe, b'mod li dak lambjent bl-ebda mod m'ghandu jkun konducenti, anke potenzjalment ghall-incidenti. Sorveljanza adegwata tinkludi dik li tipprovdi ghal certi nuqqasijiet tal-haddiema li ta' sikwit ikollhom tendenza minhabba familjarita` zejda max-xoghol li jittraskuraw riskji inerenti fix-xoghol taghhom".* [Qorti tal-Appell, **Joseph Cini v. George Wells**, 15 ta' Novembru 2004].

adegwat biex jaghmel. Il-qorti m'ghandix dubju li l-attur ipprova jaghmel ghal gid[6], pero' hu evidenti li bil-mod li pproceda espona lilu nnifsu ghal periklu manifest u bla bzonn. F'dan il-kuntest il-qorti hi tal-fehma li hemm element ta' negligenza kontributorja min-naha tal-impjegat li qeghda tistabbilixxi f'rata ta' **15%**.

## 8. Likwidazzjoni ta' danni.

L-incident wassal biex l-attur tilef subghajh il-werrej tal-id tal-lemin, li hi l-id dominanti tal-attur, limitazzjoni fil-movimenti tal-gogi tieghu u sensazzjoni nieqsa. Il-perit mediku kkonkluda li l-attur sofra debilita permanenti ta' 10% u kkonferma li l-attur *"... tilef l-uzu totali tas-seba' l-werrej dominanti."* (fol. 133). Sal-lum fil-ligi Maltija ghadha ma tezistix ligi li tiffissa percentwali ta' debilita permanenti. Dan ovvjament iwassal ghal stat ta' incertezza fejn il-qorti tiddependi minn parir ta' tobba. Is-sengha tal-attur hi ta' welder u idu l-leminija hi l-id dominanti. It-telfien ta' seba' mill-id li juza biex ihaddem l-ghodda hi fiha nnifisha bizzejjed biex il-qorti taqbel mal-parir tal-perit mediku.

Il-konvenuta targumenta li l-attur ma sofra l-ebda telf ghaliex xorta ghadu jahdem. Il-fatt li wara incident il-vittma jkompli jahdem ma jfissirx li m'ghandux jedd ghar-rizarciment tad-danni. Illum il-gurnata din hi gurisprudenza stabbilita. Ovvjament m'huwiex possibbli li l-attur jinghata lura s-subghajh li tilef fl-incident. It-telf ta' subghajh effetwah mhux biss fil-hajja barra mid-dinja tax-xoghol. Dan apparti li hu fatt li fis-sengha ta' welder, l-uzu ta' subghajh il-werrej hu essenzjali. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-attur ghandu jedd li jippretendi hlas ta' danni.

L-incident sehh fil-15 ta' Ottubru, 2011 meta l-attur kellu 35 sena. Il-kalkoli ser isiru fuq multiplier ta' 22 sena. Fis-sena 2011 l-attur kellu salarju ta' €13,382 fis-sena. L-attur jippretendi li l-kalkoli ghandhom isiru fuq salarju ta' €15,000[7] fis-sena. Il-qorti tqies li din ic-cifra hi ragonevoli meqjus li l-mutiplier hu ta' 22 sena. Ghaldaqstant, id-danni huma:

€15,000 x 22 sena = €330,000 x 10% = €33,000 – 16%[8] = €27,720 – 15%[9] = **€23,562[10]**.

---

[6] Silvio Mifsud xehed: *"Dakinhar tal-incident, Neville Cauchi ma kienx xoghol. Ma jidhirlix li barra Neville Cauchi kien hemm min jaghmlilha xi xoghlijiet il-magna."* (fol. 79).

[7] Ara nota tal-attur, fol. 20.

[8] Tnaqqis ghal *lump sum payment*. L-attur ippropona l-kawza fis-7 ta' Mejju 2012. Dan il-percentwali jitnaqqas ghaliex kalkoli jsiru fuq dhul futur.

[9] Negligenza kontributorja.

[10] Ma' din is-somma trid tizdied is-somma ta' mitt ewro (€100), spejjez li l-attur hallas ghar-rapport mediku *ex parte*.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u tilqa' t-talbiet tal-attur b'dan li tiddikjara li kien hemm negligenza kontributorja tal-attur. Tillikwida d-danni fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u sittin ewro (€23,662) u tikkundanna lill-konvenuta thallas din is-somma, bl-imghax mil-lum.**

**Spejjez jithallsu in kwantu ghal 85% a karigu tas-socjeta konvenuta u 15% a karigu tal-attur.**

Anthony Ellul.